**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can ), Ph.D.**

**Appell Numru: 418 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clint Bonnici**

Illum, 9 ta Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clint Bonnici, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 114086 M, iben Alexander u Melita Jane nee' Ruff, imwieled nhar 28 ta' Frar, 1986, u residenti 26, Drewmic, Fl 5, Triq it-Torri, Msida, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Meta b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Lulju 2020 sa Ottubru 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Melanie Pepe u/jew lil uliedu is-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha thallas dik is-somma. Kap 9, Artikolu 18 u 338 (z))

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 8, 18 31 (g) u 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontirh u kkundannathu ghal xahar (1) prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clint Bonnici minnu pprezentat fis-17 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu li tikkonferma l-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tirrevoka l-parti fejn giet inflitta piena ta' xahar prigunerija u minflok taghti piena aktar idoneja u gusta fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti;

Illi hu kien hallas l-ammont pendenti sal-24 ta' Novembru 2021.

Illi l-Qorti naqset tapprezza c-cirkostanzi partikolari li pajjizna nstabet fihom, li bhala rizultat llimitaw lill-appellant milli jhallas il-manteniment fil-hin u josserva l-obbligi imposti fuqu mill-Qorti.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju sollevat precedentement, il-piena inflitta kienet wahda ecessiva specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-Qorti ma haditx konjizzjoni ghat-talba maghmula ghax-xhur ta' Awwissu 2020 u Ottubru 2020 peress li ma ngabghet l-ebda prova, u li l-Qorti sabet lill-imputat hati biss, ta' xahrejn mill-erba' xhur in kwistjoni, liema xhur gew imhallsin ukoll u dan ferm qabel id-data tas-sentenza.

***Dwar l-aggravji***

L-esponent bl-ebda mod ma ried jonqos mir-rispett jew li ma jobdix l-ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) biss l-effetti tal-Pandemija Covid-19 hija realtà li numru ta' persuni kellhom jirrifaccjaw. Minkejja li ma kellux il-paga solita tieghu, xorta wahda rnexxielu jhallas il-maggior parti tax-xhur ta' manteniment waqt din il-krizi, ferm qabel is-sentenza kien hallas kollox li kellu b' lura.

Illi gie pprezentat fl-24 ta' Novembru 2021, kopji tal-*statements* tar-Revolut li juru l-pagamenti kollha li saru, minn Gunju 2020 sa Mejju 2021. Fir-rigward tax-xhur in kwistjoni, id-dokument ipprezentat **Dok CB 2,** juri li l-akkuzat hallas ghax-xahar ta' Settembru 2020 fit-18 ta' Awwissu 2020 u d-dokument ipprezentat **Dok CB 13** juri li l-akkuzat hallas ghax-xahar ta' Lulju 2020 fl-4 ta' Gunju 2021.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u dan fis-seduta tl-5 ta Jannar 2023.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[1] kienet irriteniet testwalment hekk :-

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2019.

......*"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs. Lawrence Cutajar**[2] - u* **Pul. vs. Carmelo Farrrugia[3]***) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta'manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awlajibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ……….kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

1. *li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta'manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordnikontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmienhmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma ."*

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Dik il-Qorti ghamlet ukoll referenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **Il-Pulizija vs. Mario Mallia[4]** fejn ukoll gie ritenut :-

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1998

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjonitipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9, hu rrilevantimeta giet intavolata l-kawza ta'separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga taddigriet originali ; galadarba l-ordnikontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "__**Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia**__[5] ,u l-__**Pulizija v. Carmelo Farrugia**__[6],*. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali __**Il-Pulizija vs Alfred Camilleri[7]**__ fejn ghamlet referenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, __**Il-Pulizija vs. Anthony Saliba**__[8], fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhall-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas- Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun

---

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998

jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu talhlas skond l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn meta l-ammont kien dovut u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu. Illi pero f'dan il-kaz jirrizulta li in effetti l-appellant kien ghamel tajjeb ghad-dannu pretiz minnu konsistenti f'nuqqas ta hlas ta' maneteniment kwazi sena qabel ma inghatat l-ewwel sentenza u ghalhekk dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tigi biex tapplika l-piena idoneja

Il-Qorti ghalhekk qeghda tichad l-appell fir-rigward tal-mertu pero qeghda timmodifika s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena billi minflok il-piena inflitta, sejra tillibera lill-akkuzat appellant taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perijodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef